# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 27**

**Citazzjoni numru 768/04 SM**

**John Sultana**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija, Prim Ministru,**
**Registratur tal-Qorti, Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrent minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Ottubru 2012, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, filwaqt li illiberat

lill-intimati Prim Ministru u Registratur tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimat u rrespingiet it-talbiet kollha tar-rikorrent hlief ghall-porzjon art maghrufa bhala "Tal-Harrax", limiti tax-Xaghra, Ghawdex, liema art ghandha tigi rilaxxata lir-rikorrent John Sultana; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Mertu

2. Il-proceduri odjerni ttiehdu wara proceduri kriminali li kienu infethu kontra r-rikorrent, akkuzat ma' ohrajn, b'reati ta' traffikar ta' droga kokaina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitlu 101]. B'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta' Lulju 2004, ir-rikorrent, allura akkuzat, kien fuq ammissjoni tieghu, instab hati u konsegwenzjalment gie kkundannat ghal piena ta' erbattax -il sena prigunerija, multa sostanzjali u wkoll inhareg l-ordni tal-konfiska tal-oggetti kollha esebiti matul il-proceduri kriminali, fit-terminu tal-Artikolu 22(3A)(c) u (d) tal-istess Kap. 101.

3. Il-proceduri odjerni jirrigwardaw l-ordni tal-konfiska u permezz taghhom ir-rikorrent qed jitlob li dik l-ordni, in kwantu tolqot l-oggetti indikati fl-att promotorju, tigi mhassra fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22C tal-Kap. 101, li fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu22(3A)(d), il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persunamsemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjonili xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekkkonfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħtdin l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.

"(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklużiva.

"………………. omissis …………….

"(5) Ir-rikors u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ għandhomjiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors fi żmien ħmistax-il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors".

## Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghas-sentenza taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. "Illi wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs omissis John Sultana tal-15 ta' Lulju, 2004, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Frar, 2005, ir-rikorrenti kien misjub hati ta' traffikar ta' droga u kien gie kkundannat piena karcerarja, multa u l-konfiska ta' flejjes, mobbli u mmobbli hemm indikati;

2. "Illi konsegwenza tal-konfiska de quo, ir-rikorrenti mmedjatament intavola l-procedura in dizamina, anke qabel mal-vertenza kienet giet debitament konkluza b'mod finali;

3. "Illi r-rikorrenti jsostni li l-proprjeta` mobbli u mmobbli hekk ikkonfiskata ma kienitx bl-ebda mod ghandu b'rizultat ta' xi reati taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. "Illi r-rikorrenti jsostni li l-proprjeta` in dizamina kienet ilha ghandu hafna qabel ir-reat li effettivament kien l-origini tal-procedura odjerna, u

jsostni li dan hu adegwatament assodat mill-kuntratti minnu esebiti f'dawn l-atti;

5. "Illi l-istess japplika ghall-flejjes lilu hekk sekwestrati;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-pozizzjoni sostenuta mill-intimati tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

A. "Rigward l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet preliminari:

i. "Rigward it-tielet (3) eccezzjoni preliminari:

a. "Illi din l-eccezzjoni partikolari tirrigwarda l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li giet intavolata bi ksur tal-artikolu 22C (2) tal-imsemmi Kap 101, senjatament li f'kaz ta' konfiska, il-hati jew persuna nteressata tista' tintavola din il-procedura in dizamina biss kemm –il darba " … is-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali jew konklussiva";

b. "Illi pero` in vista tal-fatt li l-intimati rtiraw din it-tielet eccezzjoni preliminari fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2006, (ara fol 42), tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

ii. "Rigward l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari:

a. "Illi komplessivament jirritjenu li l-intimati Prim Ministru, Avukat Generali u Registratur tal-Qrati m'humiex il-legittimi kontraditturi fil-procedura odjerna u allura, ghandhom logikament jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

b. "Illi dan qed jigi minnhom ribadit a bazi tal-artikolu 22C (5) tal-istess Kap 101 li jistabbilixxi li:

> "Ir-rikors u l-avviz tad-data stabbilita ghas-smiegh ghandhom jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija minghajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju ghandu jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors fi zmien hmistax –il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors";

c. "Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-uniku interlokatur ghall-finijiet tal-proceduri bhal dik in dizamina ghandu jkun biss l-imsemmi Kummissarju u hadd aktar, u dan, stante li espressament hekk stipulat *ex lege*;

d. "Illi ghal dak li jirrigwarda lill-intimat Avukat Generali ghandu jinghad li l-eccezzjoni preliminari de quo hi naxxenti mill-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabbilixxi li:

> " L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern";

e. "Illi f'dan ir-rigward ghandu jirrizulta ampjament assodat li s-suespost ma japplikax ghaliex hu manifestement car li procedura bhal dik in dizamina ghandha tkun indirizzata fil-konfront tal-Kummissarju de quo li wara kollox, hu zgur l-aktar persuna edotta mill-fatti tal-istess kaz;

"Ikkunsidrat:

"Illi epurat is-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ppruvaw dawn l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari u dan, rispettivament a bazi tal-artikolu 22C (5) tal-Kap 101 fuq citat u tal-artikolu 181B (2) tal-Kap 12 fuq ukoll citat;

"Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li takkolji z-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari in dizamina, tillibera lill-Prim Ministru, lill-Avukat Generali u lir-Registratur tal-Qrati mill-osservanza tal-gudizzju, u dan, a spejjez tar-rikorrenti John Sultana;

"Ikkunsidrat:

"Illi fil-meritu ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. "Illi l-procedura odjerna giet intavolata mir-rikorrenti ghaliex isostni li l-flus, mobbli w immobbli lilu sekwestrati kienu fil-pussess tieghu f'perjodi qabel ma gie nvolut fil-kaz ta' traffikar ta' droga li tieghu instab hati fuq l-ammissjoni tieghu stess, (ara fol 33);

2. "Illi kif gie ben tajjeb ritenut mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-procedura in dizamina hi wahda ta' natura specjali u specifika fejn ai termini tal-artiklu 22C tal-Kap 101 il-parti hi permessa tintavola azzjoni dikjaratorja ai fini tal-istess artiklu biex tirribatti l-prezunzjoni stipulata *ex lege* li l-assi kollha tieghu, kienu mobbli kif ukoll immobbli, m'humiex imtebba bl-illecita` in dizamina – senjatament, m'humiex frott it-traffikar tad-droga – u dan, la direttament u lanqas indirettament;

3. "Illi kif ritenut ben tajjeb fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla fl-ismijiet **Nazzarene Muscat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, **datata d-29 ta' Settembru, 2009**, fil-kazijiet in dizamina:

> " … il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien";

4. "Illi di piu`, l-oneru tal-prova rikjest, inkombenti kif inhu fuq min jallegah – u allura hawn, fuq ir-rikorrenti Sultana - :

> " … hu mixhut fuq ir-rikorrenti li ghandu dmir jipprova li l-oggett minnu ndikat ma jkunx instab hati l-akkuzat … dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma ghandu xi forma ta' konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta' dak ir-reat", (Qorti tal-Appell: **Alex Saliba vs Avukat Generali nomine et, datata d-29 ta' Mejju, 2009**);

5. "Illi minn ezami akkurat tal-assi tar-rikorrenti kif elenkat mill-espert legali nominata espressament ghal gbir dettaljat tal-istess jirrizulta li effettivament ir-rikorenti kien il-proprjetarju tal-istess, (liema assi jidhru elenkati bi precizjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni redotti minn Dr. Veronica Aquilina a fol 234 *et sequitur* u f'fol 169);

6. "Illi kif sottolineat mill-abbli rapprezentant legali tal-intimati hu biss il-porzjon diviz mill-art maghrufa bhala "Tal-Harrax", limiti tax-Xaghra, Ghawdex, hemm indikata li mhix hekk kontaminata stante li jirrizulta assodat li kienet giet moghtija lir-rikorrenti b'donazzjoni u konsegwentement, ma giex pruvat li kienet minnu akkwistata minn xi negozju losk jew illecitu;

7. "Illi ai fini tal-proprjetajiet l-ohra ndikati, ghandu jinghad li r-rikorrenti jonqos li jipprova sal-grad tal-probabbilita` rikjest, li dawn gew ghandu bl-istess mod;

8. "Illi jirrizulta minflok, li l-metodu li bih jidher li hallas ghall-akkwist tal-istess – fi flus kontanti mill-ewwel mal-kuntratt u minghajr l-involviment tas-sistema bankarja – jimmilita favur it-tezi tal-intimati, u zgur li ma jissodisfawx l-assikurazzjoni rikjesta mill-ligi li r-rikorrenti jipprova l-allegazzjoni tieghu;

9. "Illi rigward il-vetturi kolpiti b'din il-procedura, senjatament Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni JON – 400 u trakk Volvo bin-numru ta' registrazzjoni JSP – 663, jirrizulta effettivament li t-tnejn gew trasferiti mir-rikorrenti lil terzi nonostante li kolpiti bil-konfiska skont il-ligi, (ara fol 170), liema trasferiment mhux biss hu kontra l-ligi izda jilledi r-rispett li ghandu jkun dovut lill-gudikant;

10. "Illi rigward is-salarju percepit mir-rikorrenti ghall-hidma tieghu mas-socjeta` Express Trailers ghandu jinghad li mhux verosimili, u fil-fatt ma jigix rifless fid-dokumentazzjoni bankarja ezaminata fir-rigward, u ghalhekk qed tiehu l-istess allegazzjoni tar-rikorrenti biss bhala tentattiv immatur ta' depistagg tal-process gudizzjarju u tirrespingieh;

"Ikkunsidrat:

"Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti Sultana naqas igib il-provi legalment sufficcjenti biex jipprova l-allegazzjonijiet minnu prodotti fir-rikors promotur tieghu in sostenn tat-talbiet tieghu hemm intavolati;".

L-Appell

5. Ir-rikorrent appella b'rikors datat 7 ta' Novembru 2012. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi l-Prim Ministru, ir-Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali ghandhom *locus standi* fil-proceduri odjerni; [2] illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tad-dritt zbaljat meta waslet ghall-konkluzjoni li l-akkwist tal-proprjetá immobbli kien vizzjat bi provenjenza illecita; [3] illi ma hemm xejn illecitu li somom zghar ta' flus jithallsu fi flus kontanti fuq kuntratt pubbliku ta' akkwist ta' proprjetá; [4] illi l-proprjetá permutata permezz tal-kuntratt datat 7 ta' Gunju 1997 fejn ma ghaddewx flus ma kellhiex titqies li ghandha provenjenza illecita; [5] illi rigward l-akkwist tal-vetturi, il-provenjenza taghhom kienet wahda lecita tant li saru hlasijiet tramite tranzazzjonijiet bankarji; [6] illi rigward is-salarju percepit mir-rikorrent, dan gab provi "skjaccanti"; [7] illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx linja cara bejn iz-zmien meta r-rikorrent beda bil-vizzju tad-droga u z-zmien ta' qabel.

6. Ghaldaqstant, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn ordnat ir-rilaxx favur ir-rikorrent tal-porzjoni art maghrufa bhala "Tal-Harrax" limiti tax-Xaghra, Ghawdex, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-talbiet kollha tieghu.

7. Permezz ta' risposta pprezentata fl-20 ta' Novembru 2012, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Prim Ministru, ir-Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, jitolbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju [Legittimazzjoni Passiva]*

8. Permezz ta' dan l-aggravju r-rikorrent jilmenta illi ma jaghmilx sens li ma jigux inkluzi bhala intimati l-Prim Ministru, ir-Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali u dan peress illi, ghalkemm skont l-Artikolu 22C[5] tal-Kap. 101 huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li ghandu jipprezenta r-risposta tieghu, huwa veru wkoll li r-Registratur tal-Qrati ghandu interess f'dawn il-proceduri stante li huwa responsabbli mill-kustodja tal-proprjetá maqbuda u l-eventwali trasferiment rizultat tal-konfiska; l-Avukat Generali kien mexxa l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali u l-Prim Ministru huwa l-kap tal-ezekuttiv, u ghalhekk jissottometti illi kienet zbaljata l-ewwel Qorti fuq punt ta' dritt meta laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati.

9. In risposta ghall-ewwel aggravju mqajjem mir-rikorrent, l-intimati jissottomettu illi dan l-aggravju huwa wiehed frivolu u vessatorju peress illi qieghed imeri u jipprova jwaqqa' konkluzjoni ta' Qorti li fl-ahhar mill-ahhar

kienet imsejsa gustament fuq dak li hemm miktub kjarament fil-ligi. Is-subartikolu [5] tal-Artikolu 22C fuq citat jghid b'mod car u inekwivoku illi din it-tip ta' kawza ghandha tigi intavolata biss kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u kontra hadd aktar. Illi f'kazijiet bhal dawn il-ligi tirregola l-procedura li ghandha tigi segwita, li tghid espressament kontra min trid issir kawza ta' dan it-tip.

10. Din il-Qorti tosserva li l-meritu li fuqu huwa bazat dan l-aggravju huwa espressament regolat mil-ligi specjali, jigifieri mill-Kap. 101 u ghalhekk l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda zball ta' dritt meta ordnat li, hlief ghall-Kummissarju tal-Pulizija, l-intimati l-ohra jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan ghaliex il-ligi stess, fl-Artikolu 22C [5][1] tal-Kap. 101 tghid espressament kontra min ghandhom isiru proceduri bhala dawk odjerni, u ladarba l-ligi ma jsemmi lil hadd izjed u b'applikazzjoni tal-massima legali, *quod lex voluit lex dixit* ma kienx lecitu li jiddahhlu fil-proceduri l-intimati l-ohra.[2]

11. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju [L-Introjtu tar-rikorrent]*

12. Fit-tieni aggravju tieghu r-rikorrent jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tad-dritt meta kkonkludiet illi l-proprjetá trasferita

[1] Supra
[2] Ara fir-rigward PA **Paul Muscat et v. Kummissarju tal-Pulizija**, 12 Ottubru 2012

permezz taz-zewg kuntratti, wiehed ta' akkwist u l-iehor ta' permuta ma kellhiex provenjenza lecita, u dan ghaliex dak li kellha taghmel il-Qorti huwa li tara jekk mill-provi prodotti jirrizultax, fuq bazi ta' probabbilitá, kellux dhul lecitu fl-ammonti msemmija fil-kuntratti. Jissenjala li mill-provi jrrizulta ampjament li r-rikorrent kellu dhul lecitu minn xoghol mal-kumpanija *Express Trailers* kif gie pprovat minn Francis Sciberras u ohrajn. Skont dawn il-provi jirrizulta li r-rikorrent kellu dhul ta' madwar Lm2,000 fix-xahar tul dawk is-snin kollha.

13. L-intimati jilqghu ghal dan l-appell billi jsostni illi prova konkreta u sodisfacenti ta' dan id-dhul ma ngabet qatt. Ir-rikorrent ressaq bhala prova tad-dhul tieghu lill-imsemmi Francis Sciberras, izda x-xhieda ta' dan ma kenitx l-ahjar prova li seta' jgib ir-rikorrent. Kien hemm diversi mezzi ohra li seta' gab ir-rikorrent biex jipprova d-dhul tieghu, fosthom *payslips* li juru l-paga/introjtu derivanti mix-xoghol tieghu u anke r-returns tieghu tat-taxxa, izda provi dokumentali bhal dawn fil-kaz odjern jirrizultaw lampantament mankanti. Ghalhekk, fl-assenza ta' provi tangibbli, ir-rikorrent ma jistax validament isostni u jilmenta li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li hu kien jaqla' Lm2,000 fix-xahar. Din hija procedura fejn l-oneru tal-prova jinkombi unikament u interament fuq ir-rikorrent, peress illi l-punt tat-tluq huwa l-presunzjoni mahluqa *ex lege* illi l-assi kollha appartenenti lilu huma kollha gejjin minn provenjenza illecita. Gia ladarba tezisti dik il-prezunzjoni, sta ghar-rikorrent illi jeghleb dik il-

prezunzjoni permezz ta' provi sodisfacenti. Fin-nuqqas, il-prezunzjoni tibqa' tregi u konsegwentement, il-proprjetá, sia mobbli u anke immobbli, trid tibqa' maqbuda u f'kaz ta' sejbiet ta' htija tigi kkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

*It-Tielet Aggravju [Hlas bi Flus Kontanti]*

14. Permezz tat-tielet aggravju r-rikorrent jikkontendi illi ma hemm xejn illecitu li fil-hajja ta' kuljum persuna zzomm somom zghar ta' flus, bhal Lm1,000 u Lm4,000 sabiex jithallsu mal-pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku quddiem nutar. Jghid, li kieku ma kienx hekk allura kull flejjes li jithallsu mal-pubblikazzjoni ta' kuntratt jitqiesu ta' provenjenza illecita. Jghid li anke dwar l-involviment bankarju kienet zbaljata l-ewwel Qorti ghaliex ir-rikorrent kien jinvolvi l-banek mal-employer tieghu u anke biex jaghmel depoziti ohra. Jghid li kieku ried jahbi l-flus, la kien juza' kontijiet bankarji u lanqas jiddikjara dawn il-kontijiet kif effettivament ghamel.

15. L-intimati jwiegbu inter alia illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, deherilha illi r-rikorrent ma pprovax il-kaz tieghu bizzejjed, skont il-ligi. Ghalhekk, ma jistax ir-rikorrent appellant jiggustifika l-fatt li hallas bi flus kontanti billi sempliciment jghid illi b'daqshekk ma ghamel xejn illegali, u li kieku r-ragunament tal-Qorti jigi addottat, kull trasferiment ta' proprjetá li jithallas

bi flus kontanti dakinhar tal-kuntratt jigi ddikjarat li ghandu provenjenza illecita. B'dan ir-ragunament ir-rikorrent aktar juri kemm hu donnu ma fehemx illi l-oneru tal-prova tal-provenjenza legali tal-flus jinkombi totalment fuqu.

*Ir-Raba' Aggravju [Il-Kuntratt ta' Permuta]*

16. Fir-raba' aggravju tieghu r-rikorrent jghid semplicement li, anke l-kuntratt ta' permuta datat 7 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu kull ma sehh kien bdil ta' bicca art zghira ta' 46mk, u fejn ma ghaddewx flus, ma taghmilx sens li dan jista' b'xi mod jitqies illecitu u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tordna r-rilaxx tal-proprjetá akkwistata mir-rikorrent b'dan il-mod.

17. L-intimati jwiegbu billi jissottomettu li, ghalkemm fil-kuntratt ta' permuta ma jidhirx illi ghaddew xi flus, ma jfissirx illi awtomatikament, il-provenjenza tal-art ghandha titqies bhala lecita. Jekk l-art li giet moghtija mir-rikorrent appellant in kontrakambju kienet art illi giet akkwistata minn sorsi li l-provenjenza taghhom ma gietx ipprovata li hija lecita, xorta wahda l-art li giet akkwistata bis-sahha ta' dak il-kuntratt ta' permuta tkun indirettament meqjusa bhala wahda ta' provenjenza illecita. Il-konfiska tal-assi, f'kazijiet bhal dawn, tapplika ghal kull haga li tkun tappartjeni lill-hati. Il-ligi stess taghmel enfasi fuq il-fatt illi l-hati, biex jiehu l-proprjetá maqbuda lura, irid jipprova konkretament u b'mod sodisfacenti illi dak

kollu li ghandu ma giex akkwistat la direttament u lanqas indirettament minn sorsi ta' provenjenza illecita.  Jekk jibqa' dubju fuq il-provenjenza, il-konfiska trid tibqa' fis-sehh, anke fuq affarijiet li setghu indirettament gew miksuba mill-frott jew dhul tar-reat li tieghu jkun instab hati r-rikorrent.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

18. Il-Qorti ser tittratta dawn it-tlett aggravji flimkien peress li huma konnessi in kwantu jirrigwardjaw il-proprjetá immobbli meritu tal-kawza odjerna.

19. Fl-ewwel lok, u in linea generali, qed jigi osservat li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti tkun ser issofri ingustizzja.

20. Din il-Qorti tirribadixxi illi, sabiex ir-rikorrent jirnexxi fit-talba tieghu, irid juri li hu akkwista l-beni in kwistjoni mhux minn profitti tar-reati li taghhom instab hati, altrimenti l-oggetti jibqghu konfiskati favur il-Gvern.

21. In vena legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Anthony Seychell v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fl-1 ta' Lulju 2014, fejn gie enuncjat illi:

> "…. din il-Qorti tirribadixxi illi, f'kawza ta' din ix-xorta, huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza ***Bajada et v. L-Avukat Generali et***. deciza fit-28 ta' Marzu, 2014, *'il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita'' (ara wkoll Abela v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005)*".

22. Maghdud ma' dan il-Qorti tosserva li, gie pacifikament akkolt illi, ghalkemm il-grad ta' prova rikjest huwa dak ta' bilanc ta' probabiltajiet skont il-procedura civili, il-piz tal-prova fuq ir-rikorrent li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi, jrid ikun aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew rizorsi ohra ta' ghixien[3] [vide in materja PA **Nazzareno Abela v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza 6 ta' Ottubru 2005 u PA **Nazzarene Muscat v. Il-Kummissarju ta-Pulizija** deciza fid-29 ta' Settembru 2009, kif konfermata minn din il-Qorti fis-7 ta' Awissu 2013].

23. L-appell odjern jikkoncerna s-segwenti proprjetá: [1] zewg vetturi – truck JSP 663 u vettura Pajero bin-numru ta' registrazzjoni JON 400; [2] proprjetá immobbli deskritta fil-kuntratt pubbliku tad-19 ta' Lulju 1993[4]; [3] proprjetá immobbli deskritta fil-kuntratt pubbliku tas-27 ta' Dicembru 1994[5]; [4] proprjetá immobbli deskritta fil-kuntratt pubbliku tas-7 ta' Gunju 1997.[6] L-ewwel Qorti ddecidiet illi tali proprjetá appartenenti lir-rikorrent ghandha tibqa' konfiskata, mentri fir-rigward tal-proprjetá immobbli

---
[3] Sottolinear tal-Qorti
[4] Fol 4
[5] Fol 7
[6] Fol 9

deskritta fil-kuntratt pubbliku ta' donazzjoni tad-19 ta' Awissu 1997[7], din giet rilaxxata permezz tas-sentenza appellata.

24. Fir-rigward tal-proprjetá immobbli maqbuda, jigi ribadit illi dak li kellu jaghmel ir-rikorrent hu illi jipprova b'mod car u konklussiv, illi l-provenjenza ta' dawn l-immobbli hija kollha kemm hi lecita u priva minn kwalsiasi konnessjoni mar-reati li taghhom instab hati, izda ir-rikorrent illimita l-prova tieghu billi tella' bhala xhud lill-imsemmi Francis Sciberras li, minghajr indikazzjoni preciza ta' meta r-rikorrent kien beda jahdem mas-socjetá rapprezentata mix-xhud, xehed illi meta r-rikorrent kien jahdem maghhom bhala driver qabel is-sena 1999, huwa kien jaqla' paga lokali kif ukoll *overseas allowance*, izda meta mbaghad fis-sena 1999 huwa xtara t-trakk JSPP 663, kien beda jahdem maghhom bhala *sub-contractor* u beda jaqla' madwar Lm2,000.

25. Ghal kuntrarju ta' dak sottomess mir-rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu, meta jghid li fiz-zmien tal-akkwist tal-proprjetajiet immobbli in kwistjoni huwa kellu dhul ta' Lm2,000 fix-xahar, dan ma huwiex minnu ghaliex jekk tassew kien jahdem mal-*Express Trailers* bejn is-snin 1993 u 1997 [snin li fihom gew akkwistati l-proprjetajiet], huwa kien jahdem bhala xufier u mhux bhala *sub-contractor*, u ghalhekk ma kienx ghadu jippercepixxi l-introjtu mensili li jaghmel referenza ghalih.

[7] Fol 12

26. Ferm il-premess jigi rilevat ukoll illi l-unika prova li tella' r-rikorrent in sostenn tal-fatt illi fiz-zmien tal-akkwist tal-proprjetajiet immobbli in kwistjoni huwa kellu impjieg fiss, hija l-istqarrija[8] rilaxxjata minnu lill-pulizija fl-14 ta' Dicembru 2001, fejn jghid li hu ilu jahdem bhala xufier u jsuq it-trakk tieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, izda ma tressqet ebda prova dokumentali li setghet tikkorrobora dan – la gewipprezentati formoli tal-ETC, la kuntratti tal-impjieg u lanqas *payslips*. Lanqas mix-xhieda ta' Francis Sciberras stess ma jirrizulta z-zmien meta r-rikorrent kien beda jahdem maghhom bhala xufier, jew kemm kien jaqla' mensilment bhala xufier. Dan kollu jkompli jdghajjef l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fir-rigward.

27. Meta l-ewwel Qorti rriferiet ghall-fatt illi ma ntuzatx is-sistema bankarja ghall-hlas taz-zewg kuntratti ta' akkwist, ma kenitx qeghdha timplika li flus kontanti li jithallsu fuq kwalsiasi kuntratt ghandhom necessarjament provenjenza illecita, izda riedet tfisser li dan il-fatt jirrendi aktar oneruz fuq ir-rikorrent l-obbligu tieghu li jissodisfa lill-Qorti li dawk il-flus kellhom provenjenza lecita. Kien ghalhekk jispetta lir-rikorrent sabiex igib l-aqwa prova dwar il-provenjenza regolari u lecita tal-flus li ghaddew, hu x'inhu l-ammont. Izda, minflok ma ressaq provi dokumentali in sostenn tat-tezi tieghu, huwa ghazel li jistrieh biss fuq id-dikjarazzjoni tieghu maghmula fl-istqarrija lill-pulizija u fuq ix-xhieda xejn dettaljata ta' dak li allegatament kien l-imghallem tieghu fiz-zmien tal-akkwist. Din il-

[8] Fol 108

Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li mill-provi migjuba r-rikorrent ma rnexxielux jipprova provenjenza lecita dwar dawk il-flus.

28. L-istess jinghad dwar il-kuntratt ta' permuta, u dan ghaliex kif tajjeb sottomess mill-intimati, il-fatt li ma ghaddewx flus fuq il-kuntratt ma jirrendihx awtomatikament wiehed lecitu, u xorta kien imiss lir-rikorrent jipprova li l-proprjetá minnu permutata permezz ta' dak il-kuntratt ma kellha ebda konnessjoni diretta jew indiretta mal-qliegh illecitu.

29. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom u ghalhekk, mhux il-kaz li tiddisturba l-apprezzament maghmul minnha fir-rigward.

30. Ghaldaqstant dawn it-tlett aggravji qed jitqiesu mhux gustifikati u ghalhekk qed jigu michuda.

*Il-Hames Aggravju [Il-Vetturi]*

31. Permezz ta' dan aggravju r-rikorrent jghid li l-provenjenza tal-vetturi kienet wahda lecita tant li kien hemm hlasijiet bankarji, kif ukoll li s-Superintendent Stephen Gatt xehed a fol 112 li dan it-trasferiment kien wiehed lecitu skont l-awtoritajiet.

32. Fit-twegiba taghhom, rigward it-trakk Volvo JSP 663, l-intimati jghidu illi dan jirrizulta illi kien inxtara f'April tas-sena 1999, u dan wara illi r-rikorrent allegatament issellef Lm10,000 minghand ohtu biex jaghmel dan. Jghidu li ironikament, dan it-trakk inxtara fl-istess zminijiet li fihom ir-rikorrent appellant qieghed jghid li kien jaqla' hafna flus bis-sahha tal-kumpanija, *Express Trailers*. Barra minn hekk rigward is-self ta' dik is-somma, kull ma ngab bhala prova kien biss affidavit ta' ohtu Doreen Vella, minghajr ma tressqu ebda dokumenti li jikkorroboraw dak l-allegat self. L-intimati ma tantx jaraw verosimili l-fatt illi meta jigu mislufa ammonti sostanzjali, ma jsir l-ebda dokument bejn il-partijiet bhala garanzija u xhieda ta' dan is-self. Fl-istess affidavit ukoll, oht ir-rikorrent issostni illi huha kien jaqla' flus tajba mix-xoghol tieghu. Pero`, sorprendentement, xorta wahda kellu bzonn jissellef minghandha l-imsemmija somma. Fatt iehor li aktar kompla jdghajjef din ix-xhieda, huwa illi f'April tal-1999, jidher minn fuq l-istatements bankarji fl-atti tal-kawza illi sar depozitu mir-rikorrent ta' Lm13,000 fil-kont tieghu. Dan kien fl-istess xahar meta nxtara t-trakk, u fl-istess zmien fejn kemm ir-rikorrent u anke ohtu, qed jghidu li r-rikorrent appellant kien jaqla' hafna flus. Jissottomettu li l-probabbilitá hija illi l-ghaxar t'elef lira Maltin (Lm10,000) li bihom inxtara t-trakk Volvo JSP 663, kienu kollha flus bi provenjenza illecita, u r-rikorrent ipprova jghatti b'lecitu ta' self, u dan fuq il-kelma biss ta' Doreen Vella, minghajr ebda skrittura korroboranti.

33. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li, apparti mill-fatt illi r-rikorrent abbuzivament u b'disprezz lejn l-awtoritá tal-Qorti ttrasferixxa l-imsemmija vetturi qabel ma beda l-proceduri odjerni, fi kwalunkwe kaz il-konfiska kienet altru milli gustifikata. Dan ghaliex fir-rigward tat-trakk Volvo JSP 663, jirrizulta anke mill-istqarrija tal-istess rikorrent lill-pulizija illi dik il-vettura intuzat sabiex jigu kommessi r-reati li gie akkuzat bihom ir-rikorrent, u ghalhekk jiskattaw ir-regoli relattivi ghall-*corpus delicti* kontemplati fl-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-Artikolu 22(3A)(c) u (d) tal-Kap. 101.[9]

34. Fir-rigward tal-vettura tat-tip Pajero bin-numru ta' registrazzjoni JON 400, jinghad illi din kienet giet akkwistata fit-2 ta' Gunju 2000[10] u ghalhekk fi zmien li fih ir-rikorrent kien diga qieghed imiss mad-droga. Ir-rikorrent jistrieh fuq ix-xhieda tal-kugin tieghu Victor Vella[11] meta dan jghid illi r-rikorrent kien xtara l-vettura in kwistjoni minghandu u hallsu b'cekk fl-ammont ta' Lm8,000 mahrug lilu minn *Express Trailers*, li mbaghad iggirah fuqu. In mankanza ta' provi konkreti u konvincenti dwar il-provenjenza tal-fondi li bihom thallset l-imsemmija vettura, u tenut kont tal-fatt illi skont il-provi akkwiziti, fiz-zmien tal-akkwist, ir-rikorrent kien diga dahal fl-attivitá kriminuza relatata mad-droga, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

---

[9] Citati supra
[10] Vide xhieda ta' Christopher Darmanin mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta a fol 89.
[11] Fol 44

35. B'zieda ma' dan jinghad li ma huwiex minnu dak sottomess mir-rikorrent fil-hames aggravju tieghu, li s-Superintendent Stephen Gatt xehed li t-trasferiment tal-imsemmija vetturi kien wiehed lecitu. Dak li qal is-Superintendent fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Frar 2009[12] huwa li ma jidhirx li kien hemm agir hazin da parti tal-awtoritajiet. Il-fatt li t-trasferiment sar tramite l-awtoritajiet kompetenti bhal ma tista' tkun l-Awtoritá dwar it-Trasport ta' Malta ma jirrendiex dak it-trasferiment necessarjament lecitu, ghall-finijiet tal-kawza odjerna, kemm -il darba tibqa' veljanti l-presunzjoni legali tal-provenjenza illecita.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju [L-introjtu]*

37. Ir-rikorrent jilmenta mill-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li d-dhul tieghu ma hux verosimili u ma giex rifless fid-dokumentazzjoni bankarja u dan, meta skont hu, ingiebu provi "skjaccanti" ta' dhul ta' flus minn salarju, kif xehed l-imsemmi Francis Sultana. Jghid li jekk is-salarju kien jithallas b'cekk, ir-rikorrent kellu kull dritt jiddepozitah jew isarrfu u dan allura jkun *cash in hand*. Jghid li l-prova probatorja kienet prezenti.

[12] Fol 112 et seq

38. In risposta l-intimati jissenjalaw li r-rikorrent stess illi naqas milli jipprova b'mod konkret u sodisfacenti kemm kien l-introjtu tieghu mix-xoghol ma' *Express Trailers*.

39. Fir-rigward din il-Qorti, filwaqt li tirriferi ghall-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fl-ezami tat-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju, tqis dan l-aggravju bhala mhux gustifikat u ghalhekk qed tichdu.

*Is-Seba' Aggravju [Fattur ta' Zmien]*

40. Ir-rikorrent jissottometti illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx linja cara bejn iz-zmien li fih hu kien qabad il-vizzju tad-droga fis-sena 2000/2001, u z-zmien ta' qabel, meta allura x-xiri tal-artijiet u tal-vetturi in kwistjoni kienu saru b'mod lecitu kemm fuq bazi ta' probabbilitá kif ukoll fuq il-fatt li qatt ma gie akkuzat fuq reati relatati mad-droga qabel fil-perijodu ta' qabel is-snin fuq indikati.

41. L-intimati jwiegbu illi l-Qorti Kriminali, fis-sentenza taghha, meta kienet qed tikkonsidra l-piena li kienet ser timponi fuq ir-rikorrent, allura akkuzat, osservat illi hu kien diga gie misjub hati ghal darbtejn fuq pussess tad-droga eroina fil-passat. Barra minn hekk, fl-affidavit ta' Doreen Vella, jinghad illi r-rikorrent appellant kien waqa' fil-vizzju tad-droga lejn l-ahhar tad-disghinijiet. Jghidu wkoll illi l-ligi tikkreja

prezunzjoni illi l-assi kollha tal-akkuzat misjub hati huma provenjenti minn dhul marbut direttament jew indirettament mar-reat u kif diga ntqal, huwa r-rikorrent li jrid jirribatti din il-prezunzjoni. Dan m'ghandhux jittiehed bhala li jfisser illi dak kollu miksub mir-rikorrent qabel iz-zmien li ghalih tkun tirreferi l-akkuza, jitqies awtomatikament li gej minn sorsi leciti sempliciment minhabba z-zmien li fih gie akkwistat l-oggett, specjalment meta si tratta minn diskrepanza ta' ftit xhur. Ir-rikorrent appellant, f'kawza bhal din, irid jipprova l-provenjenza u mhux iz-zmien tal-akkwist. Li kieku kienet din l-intenzjoni tal-legislatur, il-ligi kienet tghid hekk kjarament, u ma kienx ikun hemm ghalfejn tinfetah kawza ghaliex tali fatti kienu jkunu jistghu jigu accertati facilment.

42. Din il-Qorti tosserva li r-rikorrent jilmenta mill-fatt illi, skont hu, l-ewwel Qorti ma ghamlitx linja cara bejn is-sena meta beda l-vizzju tad-droga, circa 2000/2001 u qabel, meta allura hu seta' akkwista l-artijiet u l-vetturi *de quo* b'mod lecitu.

43. Jigi rilevat illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Lulju 2004[13] li sabet lir-rikorrent hati tal-akkuzi migjuba kontrih, dik il-Qorti sabet illi fl-14 ta' Dicembru 2001 u fit-tmien xhur ta' qabel, ir-rikorrent flimkien mat-terz akkuzat, ftehmu li jimportaw u jittraffikaw id-droga kokaina f'Malta.[14] L-istess Qorti Kriminali kkonsidrat ukoll illi "*...il-hati Sultana kien diga` instab*

[13] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-3 ta' Frar 2005 (fol 124)
[14] Vide Pg 4 tas-sentenza tal-Qorti Kriminali esebita a fol 24 et seq

*hati darbtejn ohra fuq pussess tad-droga eroina.*"[15] Apparti minn hekk, minkejja li ohtu Doreen Vella fl-affidavit taghha[16] tixhed illi huha kien beda jabbuza mid-droga lejn l-ahhar tad-disghinijiet, u tghid li dan gie kkonfermat ukoll mit-tabiba tieghu Dr Marlene Attard li xehdet fil-guri, xorta wahda f'dawn il-proceduri ma tressqux provi cari u konvincenti dwar iz-zmien li fih ir-rikorrent kien beda jmiss mad-droga.

44. Il-Qorti tosserva li x-xhieda ta' ohtu biss mhijiex prova sufficjenti ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti, stante li jista' jkun li hu kien beda jabbuza mid-droga qabel ma kienet saret taf ohtu. Fir-rigward, kien jehtieg aktar provi konklussivi li jsostnu dik l-allegazzjoni. Il-Qorti tosserva li r-rikorrent donnu jinjora ghal kollox li l-presunzjoni *ex lege* ma hijiex favorih izda ghal kontrarju, il-presunzjoni hi li l-assi kollha maqbuda huma provenjenti minn dhul marbut mar-reat. L-*onus probandi* hija fuqu sabiex jirribatti u jwaqqa' din il-presunzjoni bi provi cari u konvincenti dwar il-provenjenza nadifa tal-proprjetá tieghu konfiskata – haga li kif gia rajna, naqas milli jaghmel.

45. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

[15] Vide Pg 16 tas-sentenza tal-Qorti Kriminali ibid
[16] Fol 45

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghdha tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent billi tichad l-istess u, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb